Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9416 — Bolloré Group/M7 Group)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 265/05)

1. Fil-31 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Groupe Canal + SA ("Canal +", Franza), ikkonftrollat mill-Bolloré Group ("Bolloré", Franza),

— M7 Group SA ("M7", il-Lussemburgu).

Canal + jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' M7 kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Canal +: il-provvista ta' servizzi tal-pay-TV lill-konsumaturi f'għadd ta' pajjiżi mad-dinja kollha, inklużi Franza u l-Polonja fiż-ŻEE; il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kontenut awdjo-viżiv; xandir ta' kanali televiżivi; bejgħ online u offline ta' twieqi ta' pubbliċità.

— M7: provvista ta' servizzi lill-konsumatur ta' pay-TV fl-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Ungerija, in-Netherlands, ir-Rumanija u s-Slovakkja; ix-xandir ta' kanali televiżivi fir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u r-Rumanija; distribuzzjoni ta' kanali televiżivi bl-ingrossa fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9416 — Bolloré Group/M7 Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").